# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 12 ta' Lulju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 305/2019 CL

**Falzon Fuel Services Limited (C45894)**

**VERSUS**

**Buz-Dov Group of Companies (C53903) u skond provediment datat 2 ta' Lulju 2020 gie kjamat fil-kawza Unique Construction Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-11 ta' Ottubru, 2019 fejn intalab sabiex il-konvenut Buz-Dov Group of Companies jigi kundannat sabiex jhallas lil attur is-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u hamsin euro u tmienja u disghin centezmu (€2,856.98), rapprezentanti bilanc ta' ammont dovut lill-attur ghal forminment ta' prodotti petroliferi fuq ordni tieghu stess. Bl-ispejjez,inkluz tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A u bl-imghax legali kontra s-socjeta konveuta.

Ra r-risposta ipprezentata fit-12 ta' Frar 2020, fejn il-konvenut ikkontesta it-talba attrici, fl-ewwel lok ghax is-socjeta attrici ghandha ggib prova illi l-ammont pretiz huwa dovut u fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammont illi talvolta jirrizulta dovut ghadnu jigi saldat mis-socjeta Unique Construction Ltd (C74909) li dahlet taghmel tajjeb ghad-dejn tas-socjeta konvenuta u li ghandha tigi kjamata in kawza.

Ra il-provediment tat-Tribunal diversament preseduta li ordna l-kjamat fil-kawza tas-socjeta Unique Construction Ltd, izda minkejja li gie nnototifikat, naqas illi jipprezenta risposta u ghalhekk gie ddikjarat kontumacji fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2019.

Rat l-affidavit ta' Rosabelle Cutajar, *sales representative* tas-socjeta attrici illi hi kienet tmur tigbor il-flus minghand Buz-Dov Group of Companies fejn kienu jhalsu jew b'cekk jew flus kontanti. Hi kienet taf li kien hemm xi diskussjonijiet bejn Unique Construction Ltd u Buz Dov Group of Companies biex tinxtara l-kumpanijia u li l-Unique kienu ser

jhalsu xi flus li Buz Dov Group of Companies kellu jhallas lil Falzon Fuel Services Limited. Kienu ircevew zewg pagamenti ta' €483 u €500 minghand il-Unique, izda kien fadal bilanc ta' €2856.98 li kien ghadu dovut fuq il-kont ta' Buz Dov Group of Companies kif jidher fil-customer balance fid-dokument immarkat Dok F2[1]. Sa fejn taf hi Buz Dov kienet ghadha ma inxtratx mill-Unique u hi kienet kelmet lil James Mifsud, is-sid tal Buz Dov li jekk ma tithallasx il-kont kienu ser jipprocedi l-qorti. Fit-30 ta' Gunju 2021, xehdet in kontro ezami fejn qalet illi James Mifsud u Gordon Farrugia u l-mara ta' Gordon kienu jcemplulha biex jordnaw d-diesel u meta kienet tigbor il-flus kienet tiffirmalhom fuq l-istatement li Falzon Fuel kien johrog darbtejn fix-xahar.Huma kienu jordnaw f'isem Buz Dov Group of Companies u l-invoices dejjem hekk hargu. James Mifsud u Michael Costa, t-tnejn kienu qalulha li l-Unique kien qieghed jixtri lil Buz Dov u kienu ftehmu bejniethom li Unique kien ser jhallas l-kontijiet ta' Buz Dov li fil-fatt kien hallas xi €1000 minnhom, imma ma kinitx certa l-ammont. Hi kienet tbiegh id-diesel lil Michael Costa, f'isem Unique Construction Ltd u kienet tohroglu invoice fuq Unique Construction Ltd fl-istess zminijiet. Kellha messaggi ta' Michael Costa li gew ezebiti u mmarkati Dok FJB1[2]. Fil-25 ta' Mejju 2022, xehdet in kontro ezami li kienet tibghat messaggi lil Michael Costa biex jhallas, ghax James Mifsud u Michael Costa kienu ghamlu ftehiem quddiemha li d-dejn ta' Buz Dov kien ha jhallashom Michael Costa. Dan il-ftehiem kien bil-kelma u Michael Costa kien taha cekk ta' €500.

Rat l-affidavit ta' Gordon Farrugia u James Mifsud, fejn fl-ewwel lok qalu illi Buz Dov Group Ltd qatt ma ghamlet ordnijiet minghand Falzon Fuel Services Services Ltd izda l-ordnijiet dejjem saru minn Buz-Dov Developments Ltd jew Buz Dov Quarries Ltd. Illi ipprezentaw ftehiem iffirmat fl-24 ta' Marzu 2016, fejn gie maqbul fi klawsola numru 2, illi Unique Construction Ltd kien qieghed jassumi d-dejn ta' Buz-Dov Developments Ltd u Buz-Dov Quarries Ltd. Falzon Fuel Services Ltd kienet mdahla fil-lista ta' kredituri li jinsab anness mal-ftehiem u mmarkat bhala Exhibit A. Falzon Fuels Services Ltd kien jaf b'dan il-ftehiem u accettat, tant illi accetaw zewg pagamenti li saru minn Unique Construction Ltd, jew minn wahda mill-kumpaniji sussidjarji taghha, wiehed f'Settembru 2016 fl-ammont ta' €483.05 u iehor fi Frar 2018 fl-ammont ta' €500 kif jirrizulta mid-dokument ipprezentat mill-attrici immarkat Dok FS2. Il-Kumpanija Buz Dov Group ma baqghux joperaw wara Marzu 2016 u ghalhekk zgur li l-pagamenti ma sarux minnha. B'hekk l-ammont dovut ghandu jaghmel tajjeb ghalih Unique Construction Ltd. Fil-25 ta' Mejju 2022 saret il-kontro ezami ta' Gordon Farrugia fejn ikkonferma li l-ammont ta' circa €2800, dovut lil Falzon Fuels Ltd ghandhom jithalsu minn Unique Construction Ltd a bazi tal-ftehiem u Falzon Fuels qatt ma talbu lil Buz Dov Group Ltd ghal pagament u qatt ma kienet ordnat fuel minn Falzon Fuels Ltd jew minghand service station, ghax ma kinitx topera. Kienu jordnaw fuq Buz Dov Developments jew Buz Dov Quarries minkejja li l-invoices kienu fuq Buz Dov Group u d-dejn kien mdahhal fil-ftehiem iffirmat ma Unique Construction Ltd fl-24 ta' Marzu 2016. Fil-15 ta' Frar 2023, xehed James Mifsud in kontro ezami fejn gie mistoqsi kif invoices bl-isem ta' Buz Dov Group of Companies kienet iffirmata minn cetu C Aquilina hu wiegeb illi qatt ma kellu x'jaqsam mal-accounts. Falzon Fuel kienu jafu bil-ftehiem iffirmat fl-24 ta' Marzu 2016 bejn Unique u Buz Dov ghax kienu jsaqsu lil Unique Group ghal hlas, li gieli ghamel xi pagament. Hu kien direttur fil-Unique Construction, u ikkonferma li l-ammont dovut kellha tithallas mill-Unique Construction. Ghalkemm ma kienx ordnat minn Buz Dov Group of Companies l-invoice kien johrog fuq Buz Dov

[1] Foll. 57
[2] Foll. 108

Group of Companies. Hu ma jafx ghalfejn kien hemm miktub *in dispute* hdejn l-ammont,

Ra n-nota ta' Unique Construction Ltd li gieipprezentat seduta stante fl-24 ta' Novembru 2021 bl-istess ftehiem ipprezentat mis-socjeta konvenuta, fejn id-debiti tas-socjeta Falzon Fuel Services Ltd ma jiffigurawx bhala wiehed mid-debiti li Unique Construction Ltd kellha tassumi. Fid-9 ta' Marzu 2022 xehed Abdel Karim Ahmed maghruf ukoll bhala Michael Costa li b'referenza ghal ftehiem iffirmat minn Unique Construction Ltd u Buz Dov Group u Exhibit A a foll 130 li kien anness mal-istess ftehiem, jindika Buz Dov Creditors li kien hemm fl-1 ta' Frar 2016, fl-ewwel tabella u Falzon Fuels Ltd kienet wahda mill-creditors fl-ammont ta' €2857, pero ma setghex jghid jekk thallas jew le, izda l-ammont globali kien thallas. L-ammont kien immarkat *in dispute* mill-accountant ta' Unique Group of Companies Ltd Brian Spiteri. Hu ma jafx jekk hemmx izjed *disputes* bejn Buz Dov u Falzon Fuels. Fit 3 ta' Mejju 2023, in kontro ezami qal illi hu Managing Director fil-kumpanija Unique Construction Ltd flimkien ma' James Mifsud li huwa direttur ukoll tal-Buz Dov. Hu kien xtara bicca art bl-ufficjini fuqha bil-plant kif ukoll makkinarju u equipment minghand Buz Dov Construction Ltd imma ma xtarax il-kumpanija Buz Dov. Hu zamm mal-ftehiem li kien hemm li tithallas d-dejn sa €400,000, dan l-ammont thallas kollu izda peress illi kien hemm iktar dejn minn hekk, huma ma halsux id-dejn li kienu jaqbzu dan l-ammont. B'referenza ghal kuntratt li jinsab a foll.130, hemm indikat Falzon fil-lista annessa mal-kuntratt, izda huma kienu ftehmu li id-debituri li ser jithalsu kienu capped sal €400,000, ghax huma ma xtrawx il-kumpanija ghax ma kienux jafu x'kien hemm dejn. Il-kumpanija Unique gieli ghamlet uzu mis-servizzi ta' Falzon Fuels u saru ukoll xi pagamenti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijet ipprezentata mis-socjeta attrici u n-nota responisva tas-socjeta konvenuta u tas-socjeta kjamat fil-kawza.

**Ikkunsidra;**

Illi mill provi jirrizulta, mhux ikkontestat, li l-ammont mitlub kien dovut, tant illi f'Annex A, li huwa anness mal-kuntratt datat 24 ta' Marzu 2016,mal-kuntratt bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti, fil-lista tal-krediturihemm indikat Falzon Fuels Ltd, fl-ammont ta' €2857, li hija l-ammont tat-talba. Il-kreditu dovut lil Falzon Fuels Ltd huwa mmarkat *in dispute* f'dan id-dokument u s-socjeta kjamat in kawza qalet li d-dejn li gie assunt minnha ma kellux jeccedi l-€400,000 liema ammont kien thallas minnu skond il-ftehiem u ghalhekk ma kellux jhallas dan l-ammont. Is-socjeta konvenuta min-naha l-ohra cahdet li kienet ordnat ix-xoghol minghand s-socjeta attrici ghax din kienet *holding company* izda kienet is-socjeta Buz Dov Costruction Ltd li ghandha personalita guridika distinta. Il-fattura li gew ipprezentati hargu f'isem is-socjeta konvenuta u skond ix-xhieda ta' Rosabelle Cutajar Fiorini l-ordni kien jkun f'isem is-socjeta konvenuta u ghalhekk fic-cirkustanzi, anke tenut kont li din ma kinitx wahda mill-eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta konvenuta, it-Tribunal jqies li l-ammont kien dovut minn Buz Dov Group of Companies. M'hemmx dubju li s-socjeta attrici kienet taf dwar xi ftehiem li kien hemm fejn UCL assumiet id-dejn tant illi Rosabelle Cutajar Fiorini kienet tibghat messaggi lil Michael Costa biex jhallas l-ammont dovut, li fil-fatt kien hallas xi ammonti mill-kont ta' Buz Dov. B'referenza ghax-xhieda tal-kjamat fil-kawza, Costa l-ewwel jghid li l-ammont kien *in dispute* u t-tieni darba jghid ukoll li d-dejn kien *capped* fl-ammont ta' €400,000. Ma ingiebet ebda prova mis-socjeta kjamat in kawza, la biex

jsostni ghalfejn l-ammont kien *in dispute* u lanqas fejn hemm *capping* ta' €400,000 stante li ma hemm ebda indikazzjoni ghal xi *capping* fil-ftehiem li gie ipprezentat jew x'jigri mill-kredituri fil-lista f'kaz illi l-ammont ta' €400,000 jinqabez. Is-socjeta kjamat in kawza, kienet kontumacja fil-kawza u ghalkemm ma setghetx ggib provi, inghatat opportunita' biex jsostnu dak li kien qieghed jghid meta xehed id-direttur bhala xhud tas-socjeta konvenuta. Ghalkemm s-socjeta kjamat in kawza baqghet kontumacja it-Tribunal xorta kellu d-dover li jevalwa l-provi fil-konfront tal-istess socjeta, izda mill-provi jirizulta li l-ammont mitlub ghandu jithallas mis-socjeta kjamat in kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' it-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta Unique Construction Limited sabiex tigi ikkundanata thallasha s-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u hamsin euro u tmienja u disghin centezmu (€2,856.98), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawza odjerna[3], sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. Ma tilqax it-talba fil-konfront tas-socjeta Buz-Dov Group of Companies. L-ispejjez tal-partijiet kollha tal-kawza ghandhom jithalsu minn Unique Construction Limited. It-talba ghal-ispejjez tal-ittra ufficjali 166A ma tistax tinlaqa' ghax ma gietx ipprezentata vera kopja.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**